KULLEĠĠ
SANTA MARGERITA

Office of the College Principal – St Margaret College
St Edward Street
Fortini, Vittoriosa, BRG 9030
Tel No: 21800672 / 21800708
Email: stmargaret.college@ilearn.edu.mt

*- Making a Positive Difference - Nagħmlu Differenza Pożittiva -*

15 ta' Ġunju 2021

Għeżież Ġenituri/Kustodji,

L-uffiċċju tal-Prinċipal fi ħdan il-Kulleġġ Santa Margerita, se joffri l-***Walk-In Service*** tul ix-xhur tas-sajf, speċifikament bejn it-12 ta' Lulju u l-10 ta' Settembru 2021. Id-dettalji ta' dan is-servizz huma dawn:

**A) Servizz ta' *Counselling* għall-istudenti kollha li għandhom bżonnu**

Dan is-servizz se jkun qed jingħata minn Erica Bondin u Kylie Poppe, uffiċjali tal-Kulleġġ, li huma professjonisti f'dan il-qasam. Magħhom jingħaqad Emmanuel Camilleri, il-Prefett tad-Dixxiplina, li wkoll jiltaqa' ma' xi tfal u ġenituri fis-sajf.

Dan is-servizz huwa mmirat għal dawk l-istudenti li matul is-sena kienu diġà qed ikellmu lill-*Guidance teachers* jew il-*College Counsellor*, u għal oħrajn li jinqalgħalhom xi ħaġa matul ix-xhur tas-sajf u jħossu li għandhom ifittxu l-għajnuna u s-sapport.

F'dan il-każ ukoll, biex l-istudenti jirċievu dan is-servizz, iridu jċemplu fuq in-numru tat-telefown 25985000 bejn it-tmienja u nofs ta' filgħodu u n-nofsiegħa (8.30a.m. – 12.30p.m.) ħalli jingħataw appuntament.

**B) Servizz għall-istudenti bniet u subien fil-qasam tal-Karrieri**

Dan is-servizz se jkun qed jingħata minn Gordon Camilleri u Marion Vella, uffiċjali intiżi ħafna f'dan il-qasam. L-għan ta' dan is-servizz huwa li l-istudenti jkunu megħjuna jegħlbu d-diffikultajiet li jista' jkollhom f'dan iż-żmien biex ikomplu jistudjaw jew jibdew karriera.

Biex l-istudenti jirċievu dan is-servizz iridu jċemplu fuq in-numru tat-telefown 25985000 bejn it-tmienja u nofs ta' filgħodu u n-nofsiegħa (8.30a.m. – 12.30p.m.) biex jingħataw appuntament.

Inħeġġeġ lilkom ġenituri biex tħajru 'l uliedkom jagħmlu użu sħiħ u tajjeb minn dawn iż-żewġ servizzi li qed noffru għall-ġid tat-tfal kollha li huma studenti fi ħdan il-Kulleġġ Santa Margerita.
Inselli għalikom u nawgura lilkom ilkoll sajf utli u ta' mistrieħ.

Paul Debono
Il-Prinċipal tal-Kulleġġ Santa Margerita